**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 6 ta' Gunju 2019**

Numru 1

**Rikors Nru. 71/2018**

**Alfred Degiorgio**
**vs**
**L-Avukat Generali, u**
**b'digriet tas-6 ta' Novembru 2018**
**Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia,**
**Andrew Caruana Galizia, u Paul Caruana Galizia**
**intervenew in statu et terminis f'dawn il-proceduri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tat-2 ta' Lulju 2018 li jghid hekk:

Illi nhar il-5 ta' Dicembru, 2017 l-esponenti, flimkien ma' huh George Degiorgio u certu Vincent Muscat, gie imressaq quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja akkuzat b'diversi reati, fost liema, talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-16 ta' Ottubru, 2017 wara nofs in-nhar u fix-xhur ta' qabel din id-data dolozament bil-hsieb illi joqtol lill-persuna u cioe lil Daphne Caruana Galizia jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkagunalha l-mewt;

Illi matul is-smigh tal-kumpilazzjoni bhalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Keith Amaud u Spettur Kurt Zahra) v. George Degiorgio et" huwa gie infurmat illi kellhom jixhdu ufficjali mill-Federal Bureau of Investigation (FBI) waqt is-smigh ta' nhar it-22 ta' Mejju, 2018;

Illi l-esponenti kellu oggezzjoni dwar ix-xhieda ta' dawn l-ufficjali u ghalhekk huwa, flimkien mal-akkuzati l-ohra, ressaq rikors quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja fejn wara illi fisser l-oggezzjoni tieghu talab illi dik l-

Onorabbli Qorti jghogobha tordna illi l-ufficjali mill-Federal Bureau of Investigation (FBI) ma jixhdux sakemm ikun hemm ezitu definittiv dwar il-proceduri kostituzzjonali li hemm referenza ghalihom fl-istess rikors. L-Avukat Generali oppona ghal din it-talba u l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja cahdet it-talba maghmula mill-esponenti;

Illi nhar il-11 ta' Mejju, 2018 l-esponenti ressaq lanjanza kostituzzjonali permezz ta' rikors ipprezentat quddiem dina l-Onorabbli Qorti, liema rikors ghandu n-numru: 52/2018/LSO fl-ismijiet "Alfred Degiorgio v. L-Avukat Generali";

Illi nhar il-11 ta' Mejju, 2018 u kontestwalment mal-prezentata tar-rikors kostituzzjonali imsemmi fil-paragrafu precedenti, l-esponenti ipprezenta rikors, liema rikors ghandu n-numru: 52/2018/1/LSO fl-ismijiet "Alfred Degiorgio v. L-Avukat Generali", illi permezz tieghu huwa talab illi dina l-Onorabbli Qorti taghti interim measure fis-sens illi tordna illi l-ufficjali tal-Federal Bureau of Investigation (FBI) ma jixhdux fl-atti tal-kumpilazzjoni bhalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra) v. George Degiorgio et" sakemm jigi deciz ir-rikors kostituzzjonali fil-mertu pprezentat kontestwalment u dana taht dak il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa u opportuni. Dan ir-rikors gie eventwalment michud permezz ta' decizjoni moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar il-21 ta' Mejju, 2018. L-esponenti ipprezenta rikors tal-appell quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali l-ghada nhar it-22 ta' Mejju, 2018;

Illi nhar it-18 ta' Mejju, 2018 l-esponenti ressaq lanjanza kostituzzjonali ohra permezz ta' rikors ipprezentat quddiem dina l-Onorabbli Qorti, liema rikors ghandu n-numru: 57/2018/AF fl-ismijiet "Alfred Degiorgio v. L-Avukat Generali";

Illi nhar it-18 ta' Mejju, 2018 u kontestwalment mal-prezentata tar-rikors kostituzzjonali imsemmi fil-paragrafu precedenti, l-esponenti ipprezenta rikors, liema rikors ghandu n-numru: 57/2018/1/AF fl-ismijiet "Alfred Degiorgio v. L-Avukat Generali", illi permezz tieghu huwa talab, fost affarijiet ohra, illi dina l-Onorabbli Qorti jghogobha taghti provvediment interim jis-sens illi tordna illi l-ufficjali tal-Federal Bureau of Investigation (FBI) ma jixhdux fl-atti tal-kumpilazzjoni waqt is-seduta ta' nhar it-22 ta' Mejju, 2018 li ser tinzamm quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja jil-kumpilazzjoni fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra) v. George Degiorgio et u fi kwalunkwe seduta sussegwenti sakemm tinghata decizjoni jinali dwar ir-rikors kostituzzjonali ipprezentat kontestwalment. Dan ir-rikors gie eventwalment michud permezz ta' decizjoni moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-22 ta' Mejju, 2018;

Illi l-gurisprudenza ta' dina l-Onorabbli Qorti u tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali tghallem illi t-talba ghal provvediment interim hija talba illi tista' ssir taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u bhala tali l-parti interessata fl-istess procediment ghandha dritt ta' appell quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali;

Illi ghalhekk l-esponenti kellu d-dritt illi jappella kemm mid-decizjoni moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar il-21 ta' Mejju, 2018, kif fil-fatt kien lahaq ghamel, kif ukoll

mid-decizjoni moghtija nhar it-22 ta' Mejju, 2018 u dana billi t-terminu ghall-prezentata tal-appell kien ghadu ghaddej;

Illi l-esponenti gab dan kollu a konjizzjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja matul is-seduta ta' nhar it-22 ta' Mejju, 2018 u huwa gab ukoll a konjizzjoni ta' dik l-Onorabbli Qorti l-fatt illi jekk kemm-il darba Hija kienet ser tisma' d-depozizzjoni tal-ufficjali tal-Federal Bureau of Investigation (FBI), il-jedd ta' appell tal-esponenti mill-imsemmija decizjonijiet, jedd moghti lilu mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, kien ser jigi mittiefes, miksur u migjub fix-xejn ghaliex il-mertu tal-interim measure mitluba minnu fis-sens li jkun hemm ordni li ma jixhdux l-ufficjali tal-Federal Bureau of Investigation (FBI) kien ser jigi ezawrit. Fil-fatt, kif jidher mill-verbal relattiv, gie verbalizzat dan illi gej:

Dr William Cuschieri ghal Alfred Degiorgio jirrileva illi l-klijent tieghu ghamel zewg talbiet ghal interim measure biex tinhareg mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali, wahda minnhom giet michuda l-bierah u t-talba l-ohra giet michuda dalghodu. It-talbiet kienu t-tnejn fis-sens li sakemm jigu decizi l-proceduri Kostituzzjonali li gew ipprezentati kontestwalment mat-talbiet ghall-hrug tal-interim measures l-ufficjali tal-FBI ma jixhdux quddiem dina l-Onorabbli Qorti. Alfred Degiorgio ipprezenta appell mid-decizjoni li nghatat il-bierah dal-ghodu stess quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u bi hsiebu wkoll jipprezenta appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali mid-digriet illi inghata ftit minuti ilu, dal-ghodu stess.

Alfred Degiorgio jirrileva illi hu ghandu dritt jappella mid-decizjonijiet skont l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Kapitlu 319 tal-Ligijiet ta' Malta kif rikonoxxut ukoll f'sentenza fl-ismijiet Ryan Briffa v. Avukat Generali deciza mill-Qorti Kostituzzjonali tat-13.06.2013. Hu ghalhekk jitlob fl-ewwel lok jew li din l-Onorabbli Qorti ma tipprocedix bis-smigh tax-xhieda tal-ufficjali tal-FBI sakemm jigu definittivament decizi mill-Qorti Kostituzzjonali t-talbiet ghal interim measures, u f'kaz li tali talba tigi michuda hu jitlob fit-tieni lok li din l-Onorabbli Qorti tirreferi s-segwenti kwezit lill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali, ossia jekk bil-fatt li llum dina l-Onorabbli Qorti tghaddi biex tisma x-xhieda tal-Ufficjali tal-FBI meta l-esponenti appella minn decizjoni u se jappella mid-decizjoni l-ohra quddiem il-Qorti Kostituzzjonali liema decizjonijiet jittrattaw talbiet tieghu ghal hrug ta' interim measures, fis-sens li tali ufficjali ma jixhdux, hux se jikser il-jedd fundamentali tieghu ghal smigh xieraq quddiem il-Qorti Kostituzzjonali (ai termini tal-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea) billi dak li talab bl-appell li pprezenta dal-ghodu, kif ukoll dak li se jitlob bl-appell li se jipprezenta mid-decizjoni moghtija dalghodu stess ikun lahaq gie vanifikat u rez fix-xejn appena jixhdu l-imsemmija ufficjali u bl-istess mod ikun gie rez ineffikaci u ghalxejn il-jedd tieghu ta' appell;

Illi b'digriet moghti mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja matul is-seduta ta' nhar it-22 ta' Mejju, 2018 stess, dik il-Qorti iddecidiet billi qalet illi tenut kont ta' dak li ntqal huwa car u evidenti li l-Prim Awla tal-Qorti Civili esprimiet ruhha ghat-talba quddiem din il-Qorti u ghalhekk ma tarax kif din il-Qorti tista' terga' tesprimi ruhha hlief li tichad it-talba tal-akkuzat Alfred Degorgio maghmula llum billi tiddikjaraha kemm frivola kif ukoll vessatorja u ghalhekk tordna immedjatament is-smigh tax-xhieda tal-ufficjali tal-FBI;

Illi wara illi tat tali digriet, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja ghaddiet sabiex semghet ix-xhieda tal-ufficjali tal-Federal Bureau of Investigation (FBI) li xehdu u ezebew dokument u compact disc;
Illi ladarba ix-xhieda tal-ufficjali tal-Federal Bureau of Investigation (FBI) instemghet mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja, il-mertu tat-talba ghal hrug ta' interim measure gie ezawrit u ghalhekk l-esponenti ma ipprezentax rikors tal-appell quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali mid-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-22 ta' Mejju, 2018 fl-atti tar-rikors bin-numru: 57/2018/1/AF fl-ismijiet "Alfred Degiorgio v. L-Avukat Generali" u inoltre ceda l-atti tar-rikors tal-appell ipprezentat minnu quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali nhar it-22 ta' Mejju, 2018 fl-atti tar-rikors bin-numru: 52/2018/1/LSO fl-ismijiet "Alfred Degiorgio v. L-Avukat Generali" u dana billi dina l-Onorabbli Qorti ma tistax aktar tilqa' t-talba tieghu u taghti provvediment interim fis-sens illi tordna illi l-ufficjali tal-Federal Bureau of Investigation (FBI) ma jixhdux fl-atti tal-kumpilazzjoni bhalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja fl-ismijiet "Il-Pulizija v. George Degiorgio et" sakemm jigi deciz ir-rikors kostituzzjonali illi gie ipprezentat mill-esponenti billi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja ordnat illi l-ufficjali tal-Federal Bureau of Investigation (FBI) jixhdu u effettivament xehdu quddiemha u ghalhekk ezawriet il-mertu ta' dan l-appell;

Illi effettivament bid-digriet moghti mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja nhar it-22 ta' Mejju, 2018 u bil-fatt illi dik l-Onorabbli Qorti ghaddiet sabiex semghet ix-xhieda tal-ufficjali tal-Federal Bureau of Investigation (FBI) li xehdu u ezebew dokument u compact disc gie lez id-dritt fundamentali ghal smigh xieraq tal-esponenti kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi, fost affarijiet ohra, il-jedd tieghu illi jappella d-decizjonijiet hawn fuq imsemmija moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar il-21 ta' Mejju, 2018 u nhar it-22 ta' Mejju, 2018 rispettivament gie imxejjen u huwa gie mcahhad mill-jedd tieghu ghal access ghal qorti u illi tinstema' t-talba tieghu mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali;

Illi inoltre l-istess fatti jaghtu lok ghal ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi l-esponenti gie mcahhad mir-rimedju effettiv tal-appell quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti jghogobha:

(i) tiddikjara u tiddeciedi illi l-fatti suesposti jaghtu lok ghal-lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ii) tiddikjara u tiddeciedi illi l-fatti suesposti jaghtu lok ghal-lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu kif sancit fl-artikolu 13 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

(iii) konsegwentament taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti hekk kif garantiti taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u taht il-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u dana, fost affarijiet ohra, billi tordna illi d-digriet moghti mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja matul is-seduta ta' nhar it-22 ta' Mejju, 2018 jigi imhassar, tordna illi x-xhieda moghtija mill-ufficjali tal-Federal Bureau of Investigation (FBI) u d-dokument u l-compact disc minnhom ezebiti fl-atti tal-kumpilazzjoni bhalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra) v. George Degiorgio et" waqt is-smigh ta' nhar it-22 ta' Mejju, 2018 jigu sfilzati, tordna illi l-esponenti jitqieghed fl-istess pozizzjoni illi kien qabel ma inghatat tali xhieda, tordna l-bidla tal-Magistrat sedenti fl-atti tal-kumpilazzjoni imsemmija u tikkundanna lill-intimat ihallas id-danni sofferti mill-esponenti;

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li tghid hekk:

Illi l-pretensjoni tar-rikorrenti hija fis-sens illi "effettivament bid-digriet moghti mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja nhar it-22 ta' Mejju 2018 u bil-fatt illi dik l-Onorabbli Qorti ghaddiet sabiex semghet ix-xhieda tal-ufficjali tal-Federal Bureau of Investigation (FBI) li xehdu u ezebew dokument u compact disc gie lez id-dritt fundamentali ghal smigh xieraq tal-esponenti kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet fa' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi, fost affarijiet ohra, il-jedd tieghu illi jappella d-decizjonijiet hawn fuq imsemmija moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar il-21 ta' Mejju, 2018 u nhar it-22 ta' Mejju, 2018 rispettivament gie imxejjen u huwa gie mcahhad mill-jedd tieghu ghal access ghal qorti u illi tinstema' t-talba tieghu mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali. Illi inoltre l-istess fatti jaghtu lok ghal ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi l-esponenti gie mcahhad mir-rimedju effettiv tal-appell quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali".

Illi l-esponenti jissottometti li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:-

1. Illi in linea preliminari, l-esponenti jecepixxu li ghal dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigh xieraq, il-Qrati taghna kif ukoll ta' Strasburgu dejjem irritenew illi sabiex japplikaw l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja rispettivament jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi processwali partikolari tal-kaz, b'mod illi biex jiddeterminaw jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigh xieraq, iridu jqisu l-process kollu kemm hu fl-assjem tieghu. Dan ifisser li l-Qorti ma tistax u ma ghandhiex tiffoka fuq bicca wahda mill-process shih gudizzjarju biex minnu jekk issib xi nuqqas tasal ghall-konkluzjoni li tabilfors sehh ksur tal-jedd ghas-smigh xieraq (ara Adrian Busietta vs Avukat Generali deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu 2006 u Dimech v. Malta deciza mill-Qorti Ewropeja fit-2 ta' April 2015). In vista ta dan it-taghlim, l-esponenti jirrilevaw li t-talba fir-rikors promotur hija wahda intempestiva u

prematura tenut kont li l-proceduri kostituzzjonali fl-ismjiet "Alfred Degiorgio vs L-Avukat Generali" (rikors kostituzzjonali 52/2018LSO) u l-proceduri kostituzzjonali fl-ismijiet "Alfred Degiorgio vs L-Avukat Generali" (rikors kostituzzjonali 57/2018AF) ghadhom mhumiex konkluzi u ghalhekk ghandha tigi dikjarata bhala intempestiva minn dina l-Onorabbli Qorti.

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jibda' biex jissottometti li l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi sabiex jigi garantit id-dritt ghal smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragonevoli u jinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa bil-ligi. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jmur oltre meta jipprovdi li s-smigh ghandu jkun pubbliku u jista' jsir quddiem tribunal indipendenti u imparzjali imwaqqaf bil-ligi. L-esponenti jirrileva illi ma sar xejn matul il-process tal-istruttorja li b'xi mod seta' jincidi fuq id-dritt tar-rikorrenti ta' process gust.

Illi dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fil-proceduri kostituzzjonali bin-numru 52/2018LSO fil-21 ta' Mejju 2018 cahdet it-talba ghall-hrug ta' mizura provvizorja sabiex ma jixhdux l-agenti tal-FBI fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2018 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u kwalifikat ic-cahda ghall-hrug tal-mizura provvizorja mitluba bhala li "hija manifestament fiergha u vessatorja". L-esponenti jissottometti li gialadarba kien hemm dina l-kwalifika fic-cahda tat-talba ghall-ghoti tal-mizura provvizorja r-rikorrenti kien proceduralment prekluz milli jintavola appell minn tali digriet. Illi din il-kwistjoni procedurali kienet deciza diversi drabi mill-Qorti Kostituzzjonali. F'dan ir-rigward l-esponenti jaghmel riferenza ghad-decizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-10 ta' Mejju 1995 fil-kawza fl-ismijiet Joseph Ciantar et vs Onor. Prim Ministru fejn il-Qorti ddecidiet l-aspett tal-assolutezza tal-principju illi minn decizjonijiet li jkunu ddikjaraw il-kwistjoni frivola jew vessatorja ma jkunx hemm dritt ta' appell. Il-Qorti Kostituzzjonali osservat illi "Din il-Qorti Kostituzzjonali li bis-sahha tal-artikolu 95(2)(e) tal-Kostituzzjoni ghandha tisma' u tiddeciedi - 'Appelli minn decizjonijiet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili skond l-artikolu 46 ta' din il-Kostituzzjoni' u ghaldaqstant, meta quddiemha jidher appell minn sentenza li ddecidiet li t-tqanqil jew it-talba huma semplicement frivoli u/jew vessatorji, ghandha allura l-kompitu, daqstant iehor semplici, li mill-ewwel tara li manifestament hekk hu u konsegwentement tirrifjuta l-appell. Dana kwantu jirrigwarda l-assolutezza". Illi gialadarba talba ghall-hrug ta' mizura provvizorja ssir permezz ta' rikors fl-atti ta' kawza kostituzzjonali l-istess principju ghandu japplika f'dawk il-kazijiet fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti tkun iddecidiet li t-talba tal-ghoti ta' mizura provvizorja tkun fiergha u vessatorja. Fil-fehma tal-esponenti, ghalhekk l-appell intavolat mir-rikorrenti mid-digriet tal-21 ta' Mejju 2018 kien wiehed irritu u dan stante li r-rikorrent huwa proceduralment prekluz milli jappella minn tali digriet.

Illi dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fil-proceduri kostituzzjonali bin-numru 57/2018AF fit-22 ta' Mejju 2018 cahdet talba identika ghall-hrug ta' mizura provvizorja mitluba f'dawk l-atti fejn ir-rikorrenti talab sabiex dik il-Qorti twaqqaf milli jixhdu l-agenti tal-FBI fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2018 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruitorja. Illi wiehed irid ukoll jara ftit il-kuntest fis-sens li l-procedimenti fil-kawza 57/2018AF gew intavolati fit-18 ta' Mejju 2018 li kienet taqa' fil-gurnata tal-Gimgha minkejja li r-rikorrenti kien ilu jaf ghall-gimghat shah li s-seduta tat-22 ta' Mejju 2018 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja kienet intiza sabiex jixhdu l-agenti tal-FBI. Dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta appuntat il-kawza ghat-Tnejn 21 ta' Mejju 2018 fejn gie trattat ir-rikors

ghall-hrug tal-mizura provvizorja u tat id-Digriet taghha fit-22 ta' Mejju 2018 qabel is-seduta Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja. Illi fil-fehma tal-esponenti kien l-istess rikorrenti li minkejja li kien jaf li fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2018 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja kienet intiza sabiex jixhdu tal-FBI li halla sal-ahhar sabiex jintavola l-azzjoni u jitlob il-hrug tal-rnizura provvizorja fil-kawza fin-numru 57/2018AF.

Illi r-rikorrenti qed jilmenta li gialadarba gialadarba l-agenti tal-FBI xehdu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja allura r-rikorrenti gie mcahhad mid-dritt tad-doppio esame. L-esponenti ma jaqblux ma’ dan l-argument u dan peress li l-gurisprudenza kemm nostrana kif ukoll tal-Qorti Ewropeja dejjem tghallem li jista' jkun hemm limitazzjonijiet imposti ghal dak li jirrigwarda l-intavolar ta' appelli u li tali limitazzjonijiet bl-ebda mod ma jivvjolaw il-jedd ghal smigh xieraq.

Illi d-dritt ta' access ghall-qorti fih innifsu mhux dritt assolut izda huwa suggett ghall-limitazzjonijiet. Illi l-punt kardinali relatat mal-kaz odjern jibqa' li dan id-dritt ta' access jista' jkun limitat u dan kien stabbilit mill-inqas sa mill-1994 fil-kaz Fayed v UK. Il-Qorti Ewropea stabilliet ukoll f'diversi kazijiet illi anke meta individwi jkunu prekluzi milli jadixxu lill-qorti ghal ragunijiet differenti, dan ma jwassalx ghal ksur tad-dritt ta' access ghall-qorti.

Il-Qorti Ewropea sabet ukoll li huwa permess u ma jwassalx ghal ksur tad-dritt ta' access ghall-qrati, il-fatt li jkun hemm zmien perentorju ragjonevoli li jwaqqaf proceduri jew li jillimita l-bidu taghhom (X v Sweden, 1982). Ukoll, regoli tal-procedura li minhabba fihom proceduri jieqfu bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hlas ta' depozitu ghall-ispejjez jew bhal fil-kaz tal-impozizzjoni ta' multi minhabba appelli vessatorji, dawn ma jiksrux id-dritt ta' access ghall-qorti (P v France, 1987 u Deweer v Belgium, 1980).

Illi fil-kaz odjern, ir-rikorrenti donnu qieghed jilmenta mid-Digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja li cahdet it-talba tieghu u ghaddiet sabiex tisma' x-xhieda. Illi l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jahsbu biss ghall-garanziji ta' natura procedurali u fl-ebda punt ma jidhlu fis-sustanza tal-mertu fis-sens jekk decizjoni kinitx wahda gjusta.

Illi jsegwi li dina l-lanjanza ghandha tigi michuda.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni, l-esponenti jissottometti li dan l-artikolu ma jezigix xi procedura partikolari dwar kif ghandu jinghata r-rimedju. L-importanti huwa li jinghata rimedju effettiv quddiem awtorita nazzjonali. Fil-fehma tal-esponenti din l-Onorabbli Qorti fis-sede kostituzzjonali taghha hija awtorita nazzjonali li tista' taghti rimedju effettiv lir-rikorrenti jekk jinstab li sehhew infrazzjonijiet konvenzjonali. Tassew hija ghandha s-sahha li taghti kumpens morali lir-rikorrenti jekk huwa jinghata ragun fl-ilmenti tieghu.

Fi kliem iehor, l-importanti huwa li jkollok rimedju quddiem awtorita nazzjonali, dan irrispettivament jekk bil-mezz ta' talba quddiem il-Qrati ordinarji jew bil-mezz ta' kawza kostituzzjonali/konvenzjonali. Hekk perezempju ilment taht l-artikolu 13 kien gie mwarrab mill-Qorti Ewropea Ghad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza Nazzareno Zarb vs. Malta deciza fl-4 ta' Lulju 2006, ghaliex ghan-nuqqas fil-ligi ordinarja li

tipprovdi ghal rimedju fil-kaz ta' dewmien ingustifikat fil-proceduri, kien jaghmel tajjeb ir-rimedju taht il-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta quddiem il-qrati b'setghat kostituzzjonali.
Propriju dawn il-proceduri kostituzzjonali ghandhom il-potenzjal li jaghtu dak li qieghed ifittex r-rikorrenti u cioe rimedju. Illi bl-intavolar ta' dawn il-proceduri konvenzjonali r-rikorrenti stess qieghed jirrikonoxxi li s-sistema Maltija tipprovdi ghal rimedju domestiku li huwa effettiv. Li kieku ma kienx hekk ir-rikorrenti ma kienx ser joqghod jehlu l-hin u l-flus tieghu biex jiftah dawn il-proceduri.

Ghalhekk safejn ir-rikorrenti qieghed jilmenta minn ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja dan huwa manifestament infondat jekk mhux ukoll fieragh ghaliex dawn il-proceduri u din l-Onorabbli Qorti bhala awtorita nazzjonali ghandhom is-setgha li jaghtu rimedju effettiv lir-rikorrenti jekk kemm-il darba jimexxielu juri li tassew gew imkasbra lilu xi wiehed mill-jeddijiet fundamentali tieghu kif imhares taht il-Konvenzjoni Ewropea.

Illi jsegwi li dina l-lanjanza ghandha tigi michuda.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

6. Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intervenuti fil-kawza li tghid hekk:

1. Illi din ir-risposta qeghda ssir in segwitu ghall-verbal tas-seduta precedenti ta' din il-Qorti, fejn kkoncediet ghaxart ijiem ghar-risposta tal-intervenuti ghat-talbiet attrici.

2. Illi l-esponenti jeccepixxu li pretensjonijiet tar-rikorrent huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet:

3. Illi preliminarjament jinghad illi huwa principju assodat fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, illi skont l-Artikolu 34 tal- Konvenzjoni, sabiex talba ghal dikjarazzjoni ta' lezjoni tad-drittijiet fundamentali tkun ammissibbli, l-individwu jrid juri li huwa sofra pregudizzju sostanzjali (a significant disadvantage). F'dan il-kaz, l-interim measures li kien qieghed jitlob ir-rikorrent, huma wkoll it-talbiet fil-mertu taz-zewg kawzi (52/2018LSO u 57/2018AF) u ghalhekk l-interim measures, li kieku nhargu, kienu biss ser iwaqqfu lill-ufficjali tal-FBI milli jixhdu matul il-kawzi kostituzzjonali li min-natura taghhom jistemghu bl-urgenza. Pero r-rizultat ahhari tal-kawzi kostituzzjonali, li wiehed jassumi li r-rikorrent ser ikollu sa qabel ma tispicca din il-kawza, jista' jkun ta' sfilz ta' dik ix-xhieda li r-rikorrent qieghed jimpunja b'dawk, b'din u bil-procedura quddiem l-Imhallef Silvio Meli, u b'hekk r-rikorrent ma jkun sofra ebda pregudizzju bl-allegat cahda tal-appell. Ghalhekk din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha hekk skont l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjonali ta' Malta u l-Artikolu 4 tal-Kap 319.

4. Illi minghajr pregudizzju ghal dan, izda wkoll preliminarjament, ghandu jinghad illi skont is-sub-artikolu (5) tal-Artikolu 4 tal-Kap 319, rifless ukoll fil-Kostituzzjoni ta' Malta bhala s-sub-artikolu (5) tal-Arikolu 46, "[m]a jkunx hemm appell minn xi decizjoni skont dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun semplicement frivola jew vessatorja." Ghandu jinghad illi fil-fatt, din il-Qorti kif diversament

preseduta, fil-kawza 52/2018LSO, fid-digriet taghha fuq l-interim measure mitlub, ipprovdiet:
"Illi wara li kkonsidrat it-talba din il-Qorti hija tal-fehma li hija wahda fiergha u vessatorja ... Ghaldaqstant din il-Qorti, wara li kkunsidrat it-talba odjerna fl-aspetti kollha taghha, jidhrilha li n-ness vantat bejn il-motivazzjoni tat-talba u d-dokumenti prodotti tant hi mgebbda li hija nieqsa mis-serjeta mitluba u mistennija fi proceduri bhal dawn ... Ghaldaqsant fid-dawl tal-premess, il-Qorti tqies li t-talba odjerna ghall-hrug ta' interim measure hija manifestament fiergha u vessatorja, u konsegwentament tichad it-talba."

Ghaldaqstant, skont il-Kostituzzjoni u l-Kap. 319 stess, ma seta' kien hemm ebda appell minn din id-decizjoni u jekk ir-rikorrent intavola appell, dak kien zball tieghu, li xorta wahda ma kellux jinstema' fil-mertu ghaliex kien impropponibbli.

5. Illi fir-rigward tat-talba ghal-interim measure tar-rikorrent maghmula fil-kawza 57/2018AF, din giet michuda nhar it-Tlieta 22 ta' Mejju 2018 seduta stante, wara li, fl-ewwel dehra, il-gurnata ta' qabel (21/05/2018), il-Qorti kienet semghet il-partijiet. Dan irid jittiehed fil-kuntest, fis-sens illi fis-seduta tal-kumpilazzjoni tat-12 ta' April 2018, il-prosekuzzjoni kienet avzat lill-partijiet illi l-ufficjali tal-FBI kienu ser jigu Malta sabiex jixhdu nhar it-Tlieta 22 ta' Mejju 2018. Nonostante dan il-fatt, ir-rikorrent stenna sa nhar il-Gimgha 18 ta' Mejju sa ma pprezenta t-talba ghal interim measure fil-kawza 57/2018AF u cioe il-Gimgha qabel is-seduta skjedata ghax-xhieda tal-FBI it-Tlieta ta' wara (22 ta' Mejju). Konsegwentament, giet appuntata ghall-ewwel gurnata tax-xoghol wara l-prezentata u cioe nhar it-Tnejn 21 ta' Mejju 2018, f'liema seduta gew trattatti kemm it-talba tal-esponenti biex jintervjenu, kif ukoll it-talba ghall-hrug ta' interim measure, decizjoni fuq liema giet moghtija propju dakinhar filghodu illi l-FBI kienu qeghdin jistennew barra l-awla tal-Magistrat Claire Stafrace Zammit nhar it-Tlieta 22 ta' Mejju sabiex jixhdu. L-esponenti jissottomettu li t-timing maghzul mir-rikorrent jidher li kien wiehed strategiku sabiex min ghalih, jekk il-Qorti ma taghtihx l-interim measure mitlub minnu, xorta l-FBI ma jixhdux peress illi kien ghad kellu dritt ta' appell u anke jekk le, tinholoqlu opportunita ohra sabiex inehhi din ix-xhieda permess ta' din il-kawza; sabiex issa ghandu tlett kawzi (jekk mhux anke erba') ghaddejjin fejn qieghed jipprova jehles mix-xhieda tal-FBI.

6. Illi b'hekk jidher illi kien ir-rikorrent stess illi cahhad lilu nnifsu mid-dritt tal-appell u dan ghaliex fil-verita' seta' ipprezenta l-kawza/i tieghu ferm qabel is-seduta skjedata tat-22 ta' Mejju; fl-ewwel lok ghaliex il-proces-verbal kien ilu ghandu mit-8 ta' Frar 2018, u ghalhekk iz-zewg kawzi 52/2018LSO u 57/2018AF ilhom proponibbli mill-inqas minn dik il-gurnata, jew ghall-inqas mit-12 ta' April 2018, u cioe meta l-partijiet kollha saru jafu li l-ufficjali tal-FBI kienu gejjin biex jixdhu nhar it-Tlieta 22 ta' Mejju 2018. Fil-fatt, li kieku r-rikorrent kien ipprezenta l-kawza tieghu, ghall-inqas gimgha wara li sar jaf meta gejjin l-FBI u cioe fid-19 ta' April 2018, id-dritt tieghu tal-appell kien ikun intatt kollu kemm hu, u konsidrat il-fatt illi s-seduti kollha kienu qeghdin isiru b'certu urgenza, huwa zgur li anke l-Qorti Kostituzzjonali kienet titratta l-kaz bl-urgenza necessarja sabiex dan fil-fatt isehh. Pero, ir-rikorrent ghazel din it-triq u allura l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja ma setghetx twaqqaf lil FBI milli jixhdu daqslikieku ir-rikorrent rebah il-hrug tal-interim measure, minflok tilifha, ghax dan kien ikun ta' disprezz lejn l-awtorita tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha (ppreseduta minn zewg Imhallfin differenti).

7. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, jigi sottomess illi, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fil-fatt ma jiggarantixxux dritt ta' appell per se, u di piu jipprovdu illi anke meta l-ligi tipprovdi dritt ta' appell, dan jista' jigi limitat ghal ragunijiet legitimmi. F'dan il-kaz, kien hemm raguni legitissima ghalxiex id-dritt tal-appell gie "michud" lir-rikorrent u dan peress illi:
i. It-talba tieghu kienet wahda ghal interim measure u allura ghad hemm il-kawzi principali li jistghu jharsu d-drittijiet tieghu u jtuh rimedju;
ii. Il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja ma setghetx tinjora d-digrieti moghtija mill- Prim Awla tal-Qorti Civili fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, billi tisfida l-wtorita taghhom u twaqqaf ix-xhieda tal-FBI xorta wahda nonstante d-decizjonijiet taz-zewg Imhallfin li qalu li din ma ghandiex titwaqqaf;
iii. Ir-rikorrent gab lilu nnifsu fdin is-sitwazzjoni billi stenna sa l-ahhar minuta sabiexipprezenta l-kawzi tieghu.

8. Illi ghalhekk ma kien hem m ebda ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u anqas tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghal harsien tad-drittijiet tal-Bniedem.

9. Illi ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni, jigi sottomess a skans ta' ripetizzjoni, illi fil-fatt, ir-rikorrent ghad ghandu z-zewg kawzi fil-mertu li qeghdin jitolbu l-isfilz tax-xhieda tal-FBI, u din il-kawza issa wkoll, u ghalhekk l-allegat pregudizzju li qieghed jippretendi li nholqitlu bix-xhieda taghhom tista' ampjament tigi irrimedjata b'dawn it-tlett kawzi u ghalhekk ma huwiex minnu li ma ghandux rimedju effettiv sabiex ihares id-drittijiet tieghu.

10. Illi fir-rigward tar-rimedju mitlub, l-esponenti jissottomettu li anke jekk din il-Qorti ssib illi ghandu ragun ir-rikorrenti u li kellu jkollu dritt ta' appell, billi ma jistghax jitqieghed fil-posizzjoni li kien qabel ma saret il-vjolazzjoni, u cioe l-interim measure ma tistghax tintlaqa' fl-appeli ghaliex fil-fatt l-FBI diga xehdu, l-uniku rimedju li jibqa' ghar-rikorrent huwa wiehed ta' kumpens.

Ghaldaqstant l-esponenti jissottomettu li t-talbiet koliha tar-rikorrenti huma manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda in toto bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi azzjoni ghal dikjarazzjoni ta’ lezjoni ta’ drittijiet fundamentali allegatament sofferti mir-rikorenti b’effett dirett tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Isruttorja fis-seduta tat-22 ta’ Mejju 2018 fejn orndat li jinstemghu u jigu esebiti provi minn ufficjali tal-Federal Bureau of Investigation (FBI). Tali digriet allegatment illeda id-drittijiet tar-rikorrenti a bazi tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u artikoli 6 u 13 tal-Kap.

319, billi cahdulu in prattika d-dritt ta' appell minn zewg digrieti ghal interim measure f'zewg kawzi Kostituzzjonali konnessi mal-kumpilazzjoni li kienu gew michuda.

Ir-rikorrenti fil-fatt jippremetti li dan id-digriet kien il-konsegwenza ta' zewg digrieti ohra wiehed tal-21 ta' Mejju 2018 fil-kawza Kostituzzjonali li hu ressaq (52/2018LSO) u digriet iehor tat-22 ta' Mejju 2018 f'kawza Kostituzzjonali ohra li hu ressaq (57/2018AF) fejn giet michuda t-talba tieghu ghal interim measure biex l-ufficjali tal-FBI ma jixhdux fil-proceduri tal-kumpilazzjoni fuq imsemmija u ma jesibux dokumenti.

Hu jissottometti illi appella skont il-ligi mid-digriet tal-21 ta' Mejju 2018 u fis-seduta tat-22 ta' Mejju quddiem il-Qorti tal-Magistrati talab li l-ufficjali tal-FBI ma jithallewx jixhdu dakinhar minhabba li t-talba tieghu ghal interim measure quddiem il-Prim Awla kienet giet michuda u sar appell minnu immedjatament. Hu zied li jekk il-Qorti Istruttorja ma tilqax it-talba tieghu, id-dritt tieghu ta' appell kien ser jigi migjub fix-xejn. Il-Qorti tal-Magistrati pero cahdet it-talba tieghu fl-istess jum u x-xhieda tal-FBI instemghu u gew esebiti l-provi mressqa minnhom. Fl-istess jum il-Qorti fil-kawza 57/2018AF cahditlu wkoll l-interim measure rikjest minnu ghall-istess skop tat-talba fil-kawza 52/2018LSO. Ghalhekk ir-rikorrenti jissottometti illi hu ceda l-appell li kien ressaq mid-digriet tal-21 ta' Mejju 2018 (52/2018LSO) u ma ipprezentax appell mid-digriet tat-22 ta' Mejju 2018 (57/2018AF) u dan peress li gie mcahhad lilu mill-Qorti Inkwirenti rimedju quddiem il-Qorti tal-Appell bid-digriet tal-istess Qorti Inkwirenti tat-22 ta' Mejju 2018.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Qabel xejn il-Qorti rat it-talbiet li saru mir-rikorrenti fiz-zewg kawzi Kostituzzjonali (57/2018LSO u 57/2018AF) fejn intlabu l-interim measures u fiz-zewg kawzi t-talbiet huma intizi biex finalment il-Qorti Kostituzzjonali ma tippermettix li l-ufficjali tal-FBI jaghtu x-xhieda taghhom u jesebixxu dokumenti. Hu stat ta' fatt illi l-Qorti tal-Magistrati Inkwirenti cahdet it-talba li saret mir-rikorrenti in linea mac-cahdiet maghmula fil-kawzi Kostituzzjonali. Pero b'daqshekk jista' jinghad li r-rikorrenti sofra lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq? Din il-Qorti tqis li r-risposta ghal din id-domanda hi fin-negattiv.

Hu minnu illi illum ix-xiehda tal-ufficjali tal-FBI u d-dokumenti minnhom esebiti jinsabu fl-atti tal-kumpilazzjoni kontra r-rikorrenti. Pero l-atti ta' kumpilazzjoni huma sa issa mhux konkluzi u l-kawzi Kostituzzjonali li ghandu pendenti l-istess rikorrenti huma intizi biex din ix-xiehda u provi esebiti jigu mnehhija mill-atti tal-kumpilazzjoni ghar-ragunijiet hemm imsemmija. Kwindi hi l-fehma tal-Qorti illi sa dan il-mument r-rikorrenti ma sofriex zvantagg procedurali insormontabbli u d-digriet tal-Qorti Istruttorja tat-22 ta' Mejju 2018 ma ghandux u ma jistax jittiehed fis-sens li l-effett tieghu ma jistax jinbidel b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali li biha trid tintrabat il-Qorti Istruttorja. Id-dritt sancit bl-artikolu 6 tal-Kap. 319 u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli quddiem Qorti imparzjali u indipendenti fejn kull parti ghandha l-parita tal-armi ma giex mittifes lir-rikorrenti. Id-dritt ghal smigh xieraq ma giex imnehhi lir-rikorrenti tant li x-xiehda tal-ufficjali tal-FBI u d-dokumenti esebiti ghad jistghu jigu imnehhija mill-atti tal-kumpilazzjoni b'ordni tal-Qorti Kostituzzjonali. Mhux hekk biss izda l-atti fil-kumpilazzjoni mhumiex l-ahhar stadju tal-proceduri kriminali ghax ghalihom ma inhargux akkuzi definittivi billi l-kumpilazzjoni ghadha ghaddejja u ghalhekk lanqas ghadna fi stadju li ser jinbeda xi guri fil-konfront tar-rikorrenti. Ghalhekk ir-rikorrenti ghad ghandu diversi rimedji ordinarji a dispozizzjoni tieghu inkluz li jerga' jitlob l-isfilz tax-xiehda u dokumenti tal-agenti tal-FBI quddiem il-Qrati fil-vesti Kriminali. Tajjeb li jigi sottolineat illi r-rikorrenti ma jispecifikax liema parti tal-artikolu 6 tal-Kap. 319 u 39 tal-Kostituzzjoni gew mittifsa bid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati pero l-Qorti qed tassumi li dak li qed jillanja minnu r-rikorrent hu n-nuqqas ta' zmien biex jinstema l-appell tieghu mid-digriet tal-Qorti Civili fil-vesti Kostituzzjonali taghha.

Dan iwassal lil Qorti biex tqis illi dak li qed jallega r-rikorrenti cioe li d-digriet tal-Qorti Istruttorja tat-22 ta' Mejju 2018 effettivament cahdu mid-dritt ta' appell mid-digrieti tal-Qorti Civili fil-vesti Kostituzzjonali taghhom ukoll ma fihx mis-sewwa fil-mertu tal-istess.

Jibda biex jinghad illi r-rikorrenti appella mid-digriet tal-21 ta' Mejju 2018 fil-kawza 52/2018LSO pero sussegwentement cedih. Tali digriet kien fis-sens illi t-talba ghal interim measure kienet frivola u vessatorja. Hu pacifiku fil-ligi u fil-gurisprudenza li ma hemm ebda dritt ta' appell minn sentenzi f'dan is-sens [ara art. 4(5) tal-Kap. 319

u artikolu 46(5)] tal-Kostituzzjoni. Pero dan hu digriet mhux sentenza u l-Qorti ma issibx l-argument tal-intimati li ma hemmx appell minn digriet simili bhala wiehed gust. In kwantu ghad-digriet tat-22 ta' Mejju 2018 fil-kawza 57/2018AF ir-rikorrenti ma appellax minnu. Fiz-zewg kazijiet il-Qorti ma tqis li r-rikorrenti gie mcahhad mid-dritt tieghu ta' appell. Il-proceduri ta' natura Kostituzzjonli u dawk quddiem il-Qorti tal-Magistrati huma indipendenti minn xulxin. Jekk il-Qorti tal-Magistrati, kif kellha dritt taghmel waslet ghal konkluzjoni li tichadlu t-talba biex ma jixhdux l-ufficjali tal-FBI, u anki jekk hi hadet in konsiderazzjoni d-digrieti tal-Qorti Civili fil-vesti Kostituzzjonali, dan ma jfissirx li gie mcahhad lilu d-dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali mid-digrieti tal-21 u 22 ta' Mejju 2018. Jekk ir-rikorrenti ceda appell gia mibdi dan ghamlu bir-rieda tieghu, u jekk ghazel invece li ma jappellax dan kien ghax ma ghazilx li jaghmel hekk. Id-digrieti tal-Qorti Inkwirenti ma impeditux milli jaghmel dan u l-Qorti Kostituzzjonali ghandha setgha ampja li jekk issib li interim measure hu misthoqq pero x-xiehda lahqet inghatat, dejjem setghet taghti kull rimedju iehor opportun fis-sens li x-xiehda u dokumenti ma jigux inseriti fl-atti tal-kumpilazzjoni sakemm jinqatghu l-kawzi Kostituzzjonali. In oltre kwistjonijiet ta' termini ta' appell huma regolata mil-ligi u ladarba huma cari u jaghtu ragonevolezza ta' zmien lil persuna biex issegwihom, ma jistax jinghad li hemm lezjoni. Jekk ir-rikorrenti in oltre ghazel li jiftah il-kawza Kostituzzjonali 52/2018 fil-11 ta' Mejju 2018 u l-kawza 57/2018 fit-18 ta' Mejju 2018 u jitlob interim measures f'dak il-perjodu ristrett qabel is-seduta tal-Qorti tal-Magistrati tat-22 ta' Mejju 2018, zgur ma jista' jahti hadd jekk ma kien hemm bizzejjed zmien biex jigu segwiti b'kumdita t-termini kollha stabbiliti mill-ligi. Del resto r-rikorrenti kien ilu jaf li ser jitilghu jixhdu agenti tal-FBI mit-12 ta' April 2018 u l-Qorti ma tifhimx kif ir-rikorrenti stenna sa ftit jiem qabel is-seduta tal-Qorti Istruttorja biex iressaq il-lanjanzi Kostituzzjonli fuq dawn ix-xiehda u jitlob interim measure. Hi l-fehma tal-Qorti li jekk sehhet cahda fis-sens ta' zmien biex jinstema u jigi deciz appell eventwali minn digriet ghal interim measure din kienet inflitta mill-istess rikorrenti fuqu stess.

Il-Qorti ma taqbilx li r-rikorenti gie mcahhad mid-dritt ta' doppio esame. Kif gia inghad l-artikou 6 tal-Kap. 319 u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jahsbu ghal garanzija ta' natura proceduarali pero mhux intizi jidhlu fis-sustanza tal-mertu ta' decizjoni kif donnu qed jippretendi r-rikorrenti mid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati.

B'zieda ma' dan il-Qorti wkoll tirreleva illi ma jistax ikun hemm ebda lezjoni ta' ebda dritt kif allegat mill-istess rikorrenti billi kien ghadu fil-possibilta reali u effettiva li jitlob interim measure mill-Qorti Civili fil-kawzi minnu intavolati biex dak li sehh cioe x-xiehda tal-ufficjal tal-FBI quddiem il-Qorti Istruttorja jinzamm milli jifforma parti mill-atti istruttorji sakemm jigu decizi finalment il-kawzi Kostituzzjonali b'referenza ghal mertu li jolqot direttament din ix-xiehda u dokumenti prodotti. Il-Qorti Civili fil-vesti Kostituzzjonali kif inghad diga hi munita b'diskrezzjoni ampja u wiesa dwar x'rimedji inkluz dawk provvizorji tista' taghti biex tipprevjeni vjolazzjoni ta' dritt anki wiehed percepit u dan sakemm tigi kunsidrata u deciza l-kwistjoni sollevata fil-mertu.

Dan kollu jallacja wkoll mal-allegazzjoni tar-rikorrenti a bazi tal-artikolu 13 tal-Kap. 319 li jghid li kull persuna hi intitolata ghal rimedju effettiv quddiem awtorita nazzjonali. Ir-rikorrenti ma gie mcahhad minn ebda rimedju effettiv la ghal lanjanzi tieghu Kostituzzjonali li ghadhom pendenti u hemm anki d-dritt tal-appell minnhom u wisq anqas ma gie mcahhad minn tali rimedju mitlub jekk jinsab lezjoni tad-drittijiet tieghu u jissana u jikkoregi dak li sehh quddiem il-Qorti tal-Magistrati inkluz ghoti ta' kumpens ghal lezjoni subita li kif gia rilevat sa issa ma jitqies ta' ebda pregudizzju insormontabbli jew irrimedjabbli. Il-Qorti izzid li anki l-kawza quddiem din il-Qorti hi prova li ghandu rimedju effettiv dejjem jekk jinstab li ghandu ragun.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti issib li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati u qed tichadhom bl-ispejjez.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur